# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Gunju, 2001**

**Numru 13**

**Cit. Nru. 957/01 GCD**

**Pater Finance Co. Ltd.**

**Vs**

**Horace Seychell u martu Pamela Seychell**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf erba' mija u tmenin lira (Lm1,480) rapprezentanti import ta' 8 kambjali ta' Lm185-il wahda, debitament accettati, skaduti minn Ottubru 2000 sa Mejju 2001 u mhux imhallsa;

Illi ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm1,480 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta` attrici, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Alfred Formosa;

U talbet illi dina l-Qorti:

1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' Lm1,480 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2001 jammonta ghal Lm37, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm